**KUNSILL EWROPEW** **Brussell, 9 ta' Diċembru 2011**

**DIKJARAZZJONI MILL-KAPIJIET TA' STAT JEW TA' GVERN TAŻ-ŻONA TAL-EURO**

*L-Unjoni Ewropea u ż-żona tal-euro ħadmu ħafna f'dawn l-aħħar tmintax-il xahar biex titjieb il-governanza ekonomika u biex jiġu adottati miżuri ġodda b'rispons għall-kriżi tad-dejn sovran. Madankollu, it-tensjonijiet tas-swieq fiż-żona tal-euro żdiedu, u neħtieġu nżidu l-isforzi tagħna biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali. Illum aħna qbilna biex nimxu lejn unjoni ekonomika aktar b'saħħitha. Dan jimplika azzjoni f'żewġ direzzjonijiet:*

*- patt fiskali ġdid u koordinazzjoni msaħħa tal- politika ekonomika;*

*- l-iżvilupp tal-għodod tagħna ta' stabbilizzazzjoni biex niffaċċjaw l-isfidi fuq perijodu qasir.*

**Arkitettura rinfurzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja**

1. L-istabbiltà u l-integrità tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u tal-Unjoni Ewropea inġenerali jirrikjedu l-implimentazzjoni rapida u vigoruża tal-miżuri diġà maqbula kif ukoll aktar passi kwalitattivi lejn "unjoni ta' stabbiltà fiskali" ġenwina fiż-żona tal-euro. Flimkien mal-munita unika, pilastru ekonomiku b'saħħtu huwa indispensabbli. Dan jistrieħ fuq governanza msaħħa biex titrawwem id-dixxiplina fiskali u integrazzjoni aktar profonda fis-suq intern kif ukoll tkabbir aktar b'saħħtu, titjib fil-kompetittività u koeżjoni soċjali. Biex jinkiseb dan l-objettiv, ser nibnu fuq u nsaħħu dak li nkiseb f'dawn l-aħħar 18-il xahar: il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir imsaħħaħ, l-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew li jibda dan ix-xahar, il-proċedura ġdida għall-iżbilanċi makroekonomiċi, u l-Patt Euro Plus.

2. Bil-ħsieb ta' dan l-objettiv ġenerali, u għalkollox determinati biex flimkien negħlbu d-diffikultajiet attwali, aħna llum qbilna dwar "patt fiskali ġdid" u dwar koordinazzjoni sostanzjalment aktar b'saħħitha tal-politiki ekonomiċi f'oqsma ta' interess komuni.

3. Dan jirrikjedi ftehim ġdid bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro li jkun stabbilit f'regoli komuni u ambizzjużi li jsarrfu l-impenn politiku b'saħħtu tagħhom f'qafas legali ġdid.

*Patt fiskali ġdid*

4. Aħna nimpenjaw ruħna biex nistabbilixxu **regola fiskali** ġdida, li tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Il-baġits ġenerali tal-gvern fil-prinċipju għandhom ikunu bbilanċjati jew f'eċċess; dan il-prinċipju għandu jitqies li ġie rrispettat jekk, bħala regola, id-defiċit strutturali annwali ma jaqbiżx iż-0.5% tal-PDG nominali.
- Tali regola ser tiġi introdotta wkoll fis-sistemi legali nazzjonali tal-Istati Membri fil-livell kostituzzjonali jew ekwivalenti. Ir-regola ser tinkludi mekkaniżmu awtomatiku ta' korrezzjoni li għandu jitħaddem f'każ ta' devjazzjoni. Hija ser tiġi definita minn kull Stat Membru fuq il-bażi tal-prinċipji proposti mill-Kummissjoni. Aħna nagħrfu l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiġi verifikata t-traspożizzjoni ta' din ir-regola fil-livell nazzjonali.
- L-Istati Membri għandhom jikkonverġu lejn il-livell referenzjali speċifiku tagħhom, skont kalendarju propost mill-Kummissjoni.
- L-Istati Membri fi Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill programm ta' sħubija ekonomika għall-approvazzjoni li jagħti d-dettalji dwar ir-riformi strutturali neċessarji biex tiġi żgurata korrezzjoni dejjiema effettiva ta' defiċits eċċessivi. L-implimentazzjoni tal-programm, u l-pjanijiet baġitarji annwali konsistenti miegħu, ser ikollhom monitoraġġ mill-Kummissjoni u l-Kunsill.
- Ser jidħol fis-seħħ mekkaniżmu għar-rappurtar ex-ante mill-Istati Membri tal-pjanijiet tagħhom għall-ħruġ ta' dejn nazzjonali.

5. Ir-**regoli li jmexxu l-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (l-Artikolu 126 tat-TFUE) ser jiġu rinfurzati għall-Istati Membri taż-żona tal-euro**. Hekk kif jiġi rikonoxxut mill-Kummissjoni li Stat Membru qed jikser il-limitu massimu ta' 3%, ser ikun hemm konsegwenzi awtomatiċi sakemm dan ma jkunx opponut minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Il-passi u s-sanzjonijiet proposti jew irrakkomandati mill-Kummissjoni ser jiġu adottati sakemm dan ma jkunx opponut minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-ispeċifikazzjoni tal-kriterju tad-dejn f'termini ta' punt ta' riferiment numeriku għat-tnaqqis tad-dejn (ir-regola 1/20) għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern ta' iktar minn 60% teħtieġ li tkun stabbilita fid-dispożizzjonijiet ġodda.

6. Aħna **ser neżaminaw malajr ir-regoli l-ġodda proposti mill-Kummissjoni fit-23 ta' Novembru 2011** dwar (i) il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istati Membri taż-żona tal-euro u (ii) it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li għaddejjin jew huma mhedda minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro. Nappellaw lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jeżaminaw rapidament dawn ir-regolamenti sabiex ikunu fis-seħħ għaċ-ċiklu tal-baġit li jmiss. Taħt dan il-qafas legali ġdid, il-Kummissjoni ser teżamina b'mod partikolari l-parametri ewlenin tal-pożizzjoni fiskali fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u, jekk meħtieġ, ser tadotta opinjoni dwar dawn il-pjanijiet. Jekk il-Kummissjoni tidentifika nuqqas partikolarment serju ta' konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, hija titlob abbozz rivedut tal-pjan baġitarju.

7. Għall-perijodu itwal, ser inkomplu bil-ħidma dwar kif napprofondixxu aktar l-integrazzjoni fiskali sabiex tirrifletti aħjar il-livell ta' interdipendenza tagħna. Dawn il-kwistjonijiet ser ikunu parti mir-rapport tal-President tal-Kunsill Ewropew f'kooperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-euro f'Marzu 2012. Huma ser jirrapportaw ukoll dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ż-żona tal-euro.

***Koordinazzjoni u governanza tal-politika aktar b'saħħithom***

8. Aħna naqblu li nużaw b'mod aktar attiv il-kooperazzjoni msaħħa dwar kwistjonijiet li huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro, mingħajr ma nimminaw is-suq intern.

9. Aħna nimpenjaw ruħna li naħdmu lejn politika ekonomika komuni. Ser tiġi stabbilita proċedura biex ikun żgurat li r-riformi ewlenin kollha ta' politika ekonomika ppjanati mill-Istati Membri taż-żona tal-euro jiġu diskussi u kkoordinati fil-livell taż-żona tal-euro, bil-ħsieb li jkun hemm punt ta' riferiment tal-aqwa prattiki.

10. Il-governanza taż-żona tal-euro ser tissaħħaħ kif maqbul fis-Summit dwar l-euro tas-26 ta' Ottubru. B'mod partikolari, ser isiru Summits regolari dwar l-euro mill-inqas darbtejn fis-sena.

**<u>Tisħiħ tal-għodod ta' stabbilizzazzjoni</u>**

11. Riformi għal perijodu itwal bħal dawk imsemmijin hawn fuq għandhom jiġu kkombinati ma' azzjoni immedjata biex jiġu indirizzati bil-qawwa t-tensjonijiet attwali tas-swieq.

12. L-ingranaġġ tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (FESF) ser jiġi introdott rapidament, permezz taż-żewġ għażliet konkreti li ntlaħaq qbil dwarhom mill-Grupp tal-euro fid-29 ta' Novembru. Aħna nilqgħu l-fatt li l-BĊE jinsab preparat li jaġixxi bħala aġent għall-FESF fl-operazzjonijiet tiegħu tas-swieq.

13. Aħna naqblu dwar **l-aċċellerazzjoni tad-dħul fis-seħħ tat-trattat dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)**. It-Trattat ser jidħol fis-seħħ hekk kif l-Istati Membri li jirrappreżentaw 90 % tal-impenji kapitali jkunu rratifikawh. L-objettiv komuni tagħna huwa li l-MES jidħol fis-seħħ f'Lulju 2012.

14. Rigward **ir-riżorsi finanzjarji**, aħna naqblu dwar dan li ġej:

- il-FESF ser tibqa' attiva fil-programmi ta' finanzjament li bdew sa nofs l-2013 kif previst fil-Ftehim Qafas; hija ser tkompli tiżgura l-finanzjament tal-programmi li għaddejjin kif meħtieġ;
- ser nerġgħu nivvalutaw l-adegwatezza tal-limitu massimu ġenerali tal-FESF/MES ta' EUR 500 biljun (USD 670 biljun) f'Marzu 2012;
- matul l-introduzzjoni progressiva tal-kapital imħallas, aħna ninsabu lesti biex naċċelleraw il-ħlasijiet tal-kapital sabiex inżommu proporzjon minimu ta' 15% bejn il-kapital imħallas u l-ammont pendenti tal-ħruġ tal-MES u biex niżguraw kapaċita ta' self effettiva kkombinata ta' EUR 500 biljun.
- l-Istati Membri taż-żona tal-euro u Stati Membri oħrajn ser jikkunsidraw, u jikkonfermaw fi żmien 10 ġranet, il-provvediment ta' riżorsi addizzjonali għall-FMI sa EUR 200 biljun (USD 270 biljun), fil-forma ta' self bilaterali, biex jiġi żgurat li l-FMI jkollu biżżejjed riżorsi biex jittratta l-kriżi. Qed nistennew b'interess il-kontribuzzjonijiet paralleli mill-komunità internazzjonali.

15. Aħna naqblu dwar l-**aġġustamenti li ġejjin għat-Trattat dwar il-MES biex nagħmluh aktar effettiv**:

- Rigward l-**involviment tas-settur privat**, ser naderixxu strettament mal-prinċipji u l-prattiki stabbiliti sew tal-FMI. Dan ser jiġi rifless mingħajr ambigwità fil-preambolu tat-trattat. Ser nirriaffermaw b'mod ċar li d-deċiżjonijiet meħudin fil-21 ta' Lulju u s-26/27 ta' Ottubru dwar id-dejn Grieg huma uniċi u eċċezzjonali; il-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva standardizzati u identiċi ser jiġu inklużi, b'tali mod li tiġi ppriservata l-likwidità tas-swieq, f'termini u kondizzjonijiet tal-bonds kollha tal-gvern f'euro.
- Sabiex ikun żgurat li l-MES ikun f'pożizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa fiċ-ċirkostanzi kollha, **ir-regoli tal-votazzjoni fil-MES ser jinbidlu biex tkun inkluża proċedura ta' emerġenza**. Ir-regola ta' qbil reċiproku ser tiġi sostitwita b'maġġoranza kwalifikata ta' 85 % fil-każ li l-Kummissjoni u l-BĊE jikkonkludu li tinħtieġ deċiżjoni urġenti relatata mal-assistenza finanzjarja meta s-sostenibbiltà finanzjarja u ekonomika taż-żona tal-euro tkun mhedda[1].

---

[1] soġġett għal konferma mill-parlament Finlandiż.

16. Aħna nilqgħu l-miżuri meħuda mill-Italja; nilqgħu wkoll l-impenn tal-gvern ġdid Grieg, u tal-partiti li jappoġġawh, biex jimplimenta bis-sħiħ il-programm tiegħu, kif ukoll il-progress sinifikanti miksub mill-Irlanda u l-Portugall fl-implimentazzjoni tal-programmi tagħhom.

*        *
*

Uħud mill-miżuri deskritti hawn fuq jistgħu jiġu deċiżi permezz ta' leġislazzjoni sekondarja. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro jikkunsidraw li l-miżuri l-oħra għandhom jinsabu fil-leġislazzjoni primarja. B'kont meħud tan-nuqqas ta' unanimità fost l-Istati Membri tal-UE, huma ddeċidew li jadottawhom permezz ta' ftehim internazzjonali li għandu jiġi ffirmat f'Marzu jew f'data aktar bikrija. L-objettiv jibqa' li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu inkorporati fit-trattati tal-Unjoni kemm jista' jkun malajr. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Isvezja indikaw il-possibbiltà li jieħdu sehem f'dan il-proċess wara li jikkonsultaw mal-Parlamenti tagħhom fejn adatt.